**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 5 ta' Dicembru, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**vs**

**Liliana Desira, detentrici tal-karta tal-identità bin-numru 4788M**

*Kumpilazzjoni 428/2017*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Liliana Desira u ċioè talli:

Bejn Lulju, 2016 u Ottubru, 2016, mill-fond Tal-Gamblu Confectionery, Ħaż-Żabbar, b'diversi atti magħmulin fi żmienijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex igiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' aktar minn elf u sittax-il euro u tmien ċenteżmi (€1,016.08) għad-detriment ta' Priscilla Gialanze, u/jew Gamblu Confectionery; u

2. fl-istess zmien, data, lok u ċirkostanzi, approprijat ruħha billi dawwret bi profit għaliha jew għal persuni oħra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew kkunsinnata lilha minhabba il-kariga u/jew servizz taghha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat;

3. fl-istess żmien, data, lok u ċirkostanzi ikkommetiet serq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda inqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) għad-detriment ta' Priscilla Gialanze, u/jew Gamblu Confectionery, liema serq hu aggravat bil-valur, bil-persuna u ħin.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata m'ghandhiex l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma alternattivi ghall-ewwel imputazzjoni.

Rat li waqt l-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2017, mizmuma minn din il-Qorti l-imputata ammettiet l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputata wiegbet li hi hatja ghall-akkuza migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissieta b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Illi mhemmx dubbju li l-fatti specie ta' dan il-kaz jinkwadraw rwiehom fir-reat ravvizat fl-ewwel imputazzjoni. Ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammettiet l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessa.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru, tal-fedina penali netta tal-imputata u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz, partikolarment tal-fatt li gharrfet l-izball taghha u kkumpensat *in toto* il-parte leza.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 308 u 310(1)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfront taghha, izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ta' l-Ligijiet ta' Malta, qed taghmel ordni għal liberazzjoni kondizzjonata u ghaldaqstant tilliberaha bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat iehor fi zmien sentejn millum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel ma sar l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem li jiftiehem sew li jekk taghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħatja tkun tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**